# QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI
# (SEDE SUPERJURI)

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 24 ta' Jannar 2024**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 35/2022**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Charles Borg**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkużi miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 35 tal-2022 kontra Charles Borg detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 0223473(M) akkużat:

> **Fl-Ewwel Kap** talli fl-erbatax (14)-il jum tax-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fil-jiem ta' qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, hekk kif speċifikata u

kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, b'dana illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u, kif ukoll, illi r-reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.
U billi l-akkużat Charles Borg instab ħati preċedentament permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tiġi mibdula, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

**Fit-Tieni Kap** talli fl-erbatax (14)-il jum tax-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fil-jiem ta' qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu ir-Raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-Raża, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u, kif ukoll, illi r-reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.
U billi l-akkużat Charles Borg instab ħati preċedentament permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tiġi mibdula, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużat bir-reċidiva

**Fit-Tielet Kap** talli fl-erbatax (14)-il jum tax-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fil-jiem ta' qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina hekk kif skedata taħt Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u, kif ukoll, illi r-reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.
U billi l-akkużat Charles Borg instab ħati preċedentament permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tiġi mibdula, l-Avukat Ġenerali qed taddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

2. Rat in-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat Charles Borg fil-21 ta' Diċembru 2022.

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Lulju 2023 li permezz tagħha l-eċċezzjoni preliminari sollevati mill-akkużat kienu miċħuda.

**4.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużat Charles Borg fit-03 ta' Awwissu 2023 fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u minflok tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa 'il quddiem minnu u dan taħt dawk il-provedimenti xierqa u opportuni.

**5**. Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-16 ta' Ottubru 2023.

**6.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**7.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**8**. Illi aggravat bis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fejn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari minnu sollevati kienu miċħuda, l-appellant jitlob lil din il-Qorti tikkunsidra mill-ġdid l-ilmenti tiegħu, u ċioe', illi l-proċeduri penali mressqa kontra tiegħu huma nulli stante illi l-ordni ta'l-Avukat Ġenerali li jistabbilixxi liema qorti għandha tkun adita bis-smigħ tal-każ huwa difettuż, u ukoll meta iqies illi l-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tar-rapport tal-espert xjenzat Gilbert Mercieca, li irrelata dwar in-natura u l-piż tad-droga allegatament misjuba fil-pussess tiegħu, huwa prova

inammissibbli għaliex l-eżamijiet forensiċi ma sarux ġewwa laboratorju akkreditat skont l-istandard internazzjonali EN ISO/IEC 17025.

**9.** Illi fl-ewwel eċċezzjoni minnu ventilata l-appellant jattakka l-validita' tal-proċeduri għar-raġuni illi fil-fehma tiegħu il-'kunsens' ta'l-Avukat Ġenerali huwa difettuż u dan għaliex ħareġ quddiem qorti żbaljata. Illi mill-atti kumpilatorji jemerġi illi mal-ftuħ tal-kumpilazzjoni, kien eżebit l-Ordni ta'l-Avukat Ġenerali datat il-15 ta' Marzu 2019, maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali indika li l-akkużat għandu jitressaq quddiem "***il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Kriminali (Malta)***[1], u wara kienet imnehdija l-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti Istruttorja. Illi permezz ta' rikors tal-14 ta' Marzu 2022, l-Avukat Ġenerali talab lil Qorti Istruttorja sabiex "***ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli għall-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bl-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-korrezzjoni kif mitluba u indikata fir-rikors odjern, u ċioe' li fl-Ordni tal-Avukat Ġenerali, liema Ordni hija mmarkata bħala Dok.'AS1', il-Qorti li quddiemha l-imputat għandu jiġi proċessat, li preżentement jaqra "*il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Kriminali*", jitneħħew il-kliem "*Qorti tal-Maġistrati bħala*" biex b'hekk tinqara "*il-Qorti Kriminali*"...**[2]". Illi permezz ta' digriet datat it-03 ta' Awwissu 2022, il-Qorti Istruttorja laqgħet it-talba ta'l-Avukat Ġenerali u awtoriżżat il-korrezzjoni kif mitluba fl-imsemmi Ordni, u dan bis-setgħa mogħtija lilha bid-disposizzjonijiet tal-liġi indikati mill-Avukat Ġenerali fir-rikors promotur[3]. Jilmenta l-appellant, allura, fid-dawl ta' dan ix-xenarju probatorju, li minn imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta illi r-rikors ippreżentat mill-Avukat Ġenerali fejn huwa talab korrezzjoni f'dan l-att ma kien notifikat lilu, u dan kif ordnat mill-Qorti Istruttorja stess fis-27 ta' Lulju 2022, oltre għal fatt illi jqies illi l-artikolu

---

[1] Ara fol. 8
[2] Ara fol.414
[3] Ara fols.429 u 430.

175 tal-Kapitolu 12, li abbażi tiegħu saret il-korrezzjoni mitluba, ma jistax isib applikazzjoni sabiex jkun sanat dan id-difett proċedurali.

**10.** Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk din l-eċċezzjoni:

> **5. Il-proċess deċiżjonali li l-Avukat Ġenerali jkun irid jagħmel meta jiġi biex joħroġ tali ordni jistrieħ fuq analiżi tal-fatti li jiġu preżentati lilu kemm qabel ma jkunu nbdew il-proċeduri, kif ukoll waqt li dawk il-proċeduri li jkunu ġew mibdija. Jibda biex jingħad li l-kwistjoni ta' kompetenza tal-Qorti sabiex tiġġudika dawk il-kawżi marbuta ma' pussess u traffikar ta' droga bi ksur tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta - u allura wkoll il-poter tal-Avukat Ġenerali li jagħżel il-Qorti li tkun sejra tiġġudika lill-persuna mixlija – huwa marbut mal-kwantum tal-piena li jkun iġorr dak ir-reat li bih ikun ġie mixli l-ġudikabbli skont l-Artikolu 22(2)(a)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk id-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tkun tiddependi minn analiżi tal-fattispeċje tal-każ mgħarbla mill-ottika ta' diversi kriterji li ġew elenkati fir-Raba' Skeda tal-imsemmi Kapitolu u li l-Avukat Ġenerali jkun irid jistħarreġ l-eżistenza u l-entita tagħhom fil-każ partikolari meta jiġi biex joħroġ l-ordni hawn fuq imsemmi.**
>
> **6. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(2)(a) u (b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jimxu id f'id ma' dawk l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali li jiddeterminaw il-kompetenza li għandha tkun vestita fil-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali ovveru l-Artikoli 370 u 436 tal-Kodiċi Kriminali. ....**
>
> **7. Dan l-eżerċizzju tad-determinazzjoni dwar liema Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandu jkollha l-ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi każ istitwit taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 ossija wkoll il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eżerċizzju dinamiku tant illi fl-appell kriminali Mifsud, ġie wkoll mistqarr li filwaqt li jkun spedjenti li l-Avukat Ġenerali jistabbilixxi sa mill-bidu tal-proċeduri liema hija l-Qorti magħżula sabiex tiddeċiedi l-kawża wara l-għeluq tal-kumpilazzjoni, huwa jista' wkoll...**
>
> > **'Effettivament, jidher illi strettament, l-Avukat Ġenerali jekk irid, jista' jistenna l-eżitu tal-kumpilazzjoni biex jiddeċiedi jekk l-imputat jiġix ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali....'**
>
> **8. L-istess appell kriminali stabbilixxa li żball li jsir fl-ordni maħruġ mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u pendenti l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja jista' jiġi korrett:**

> **'...sa kemm kien għad hemm il-fakolta' tal-Avukat Ġenerali li jirrinvia l-atti lil dik il-Qorti, kellu ukoll il-fakolta' li jippreċiża u jikkoreġi l-ineżattezzi kollha li kien hemm f'dik l-ordni tiegħu.'**

**9. B'hekk żball li jiġi korrett fl-istadju opportun ma jwassalx għan-nullita' tal-proċedura penali meħuda daqskemm l-istess ordni ma jitqiesx li jkun difettuż.**

**10. L-akkużat jilmenta wkoll li tali korrezzjoni ma kienetx possibbli ai termini tal-Artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu din id-dispożizzjoni ma ssibx applikazzjoni f'dan il-kuntest legali. ....**

**12. Huwa minnu li l-proċedura penali hija mfassla għall-ħtiġijiet partikolari marbuta mal-eżerċiżżju tal-azzjoni penali. Fil-fatt l-att ġudizzjarji li jiġu preżentati fil-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali huma kemxejn differenti minn dawk li l-professjonista legali jkun imdorri jħaddem u jippreżenta quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Ċivili. Huwa preċiżament għalhekk li l-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali jirrendi applikabbli għall-proċedimenti kriminali d-disposizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bil-premessa, jekk mhux ukoll caveat li, dak l-artikolu hekk japplika ħlief fejn ikun xort'oħra provdut fil-Kodiċi Kriminali u li jkun jgħodd mutatis mutandis għall-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali. .....**

**16. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali għażlet li tagħmel it-talba għall-korrezzjoni tal-Ordni tagħha permezz tar-rikors datat 14 ta' Marzu 2022 meta l-proċedura istruttorja kienet għadha miftuħa. Din it-talba saret in bażi għall-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għall-proċedimenti kriminali bl-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Hu minnu li dan ir-rimedju ma ġiex imsemmi fl-appell kriminali George Mifsud. Iżda għal dan hemm spjegazzjoni sempliċi. Is-sostituzzjoni tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet daħlet fis-seħħ fl-1 t'Ottubru 1995 u dan l-appell George Mifsud kien ġie deċiż fil-5 ta' Frar 1996 fi żmien fejn allura l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif sostitwit kien għadu ma ġiex reż applikabbli wkoll għal proċeduri kriminali.**

**17. Iżda ġaladarba fiż-żmien meta kienu inbdew dawn il-proċeduri kriminali kontra l-akkużat dan l-artikolu kien ġie applikabbli wkoll għal proċeduri kriminali, ma kienx hemm ostakoli għaliex ma kellux ukoll ikun ritenibbli applikabbli għal dawn il-proċeduri. ...**

**18. Għalhekk, in kwantu huwa att meħtieġ mill-Liġi biex jiġi preżentat f'atti ġudizzjarji, dan l-Ordni tal-Avukat Ġenerali huwa wkoll allura, mutatis mutandis, regolat bl-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għall-proċeduri kriminali bissaħħa tal-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.**

19. Meta l-Avukat Ġenerali ippreżentat ir-rikors tagħha fl-atti ta' dawn il-proċeduri fl-14 ta' Mejju 2022 sabiex issir korrezzjoni fil-formula adoperata fl-Ordni maħruġ ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-proċeduri fl-ismijiet premessi kienu għadhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. .....

21. Huwa deżiderabbli li meta jiġi intavolat rikors taħt l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għall-fini ta' korrezzjoni ta' skrittura jew att ġudizzjarju tiġi notifikata lill-kontro-parti għar-risposta tagħha. Iżda dan irid jittieħed fil-kuntest tan-natura tal-att ġudizzjarju nnifsu. Huwa minnu li f'sistema proċedurali avversarja l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jagħtu lok lill-partijiet fil-proċediment penali jlisnu l-posizzjoni tagħhom qabel il-Qorti tgħaddi biex tieħu deċiżjoni dwar xi talba jew talbiet li jsirulha. Iżda dan irid jitqies fid-dawl tal-kuntest partikolari li fih dik it-talba tkun qegħda ssir.

22. F'dan il-każ, meta trattasi ta' talba għal korrezzjoni ta' Ordni maħruġ skont l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-proċedura trid ukoll titqies mill-lenti tan-natura legali tal-Ordni nonche' x'vuċi jew rimedju huwa mogħti mill-Liġi lill-ġudikabbli biex jissindaka, jopponi, jikkontesta, jikkonsidra jew jittratta tali Ordni.

23. Il-Liġi ma takkordax jedd lill-ġudikabbli li jagħżel hu quddiem liema Qorti l-każ tiegħu għandu jiġi mismugħ u minn liema Qorti għandu jiġi ġudikat. L-anqas ma jirriżulta li l-Liġi tagħti xi jedd ta' sindakar, opposizzjoni, kontestazzjoni jew konsiderazzjoni lill-ġudikabbli fir-rigward tal-proċess tal-ħruġ tal-istess Ordni kemm qabel kif ukoll immedjatament wara l-ħruġ tiegħu. Semmai fl-artikolu 22(2A)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Liġi tippreskrivi rimedju lill-akkużat li bih ikun jista' jwassal lil Qorti Kriminali li tissindaka l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali mogħti bl-Ordni li bih ikun ta d-direzzjoni tiegħu dwar liema Qorti tkun imsejħa tiddeċiedi l-meritu tal-azzjoni kriminali kontra l-akkużat : iżda dan ir-rimedju mhux intiż li jattakka l-Ordni fil-mument tal-ħruġ tiegħu. Dan ir-rimedju jista' jittieħed mill-akkużat meta tintemm il-kumpilazzjoni jew fi żmien sebat ijiem mid-data li fiha l-akkużat ikun notifikat bl-att ta' akkuża, f'każ li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-akkużat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Dak ir-rimedju jipprevedi li l-akkużat ikun jista' permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem mit-tmiem tal-kumpilazzjoni, jitlob lill-imsemmija Qorti sabiex tordna li huwa jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali għandha, wara li tkun ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali u tagħtih sebat ijiem biex iwieġeb lura u wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet orali mingħand l-akkużat u l-Avukat Ġenerali, jekk tqis li dan huwa neċessarju, tiddeċiedi

**quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat u l-akkużat għandu jiġi ġġudikat skont id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali.**

**24. Iżda dawk huma l-limiti tar-rimedji disponibbli lill-akkużat ossija ġudikabbli. Ġaladarba l-anqas jirriżulta li l-akkużat għandu xi dritt li jikkontesta dak l-istess Ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta għajr ħlief fil-parametri tar-rimedju previst fl-artikolu 22A(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi illi n-nuqqas li dan ir-rikors intavolat mill-Avukat Ġenerali sabiex issir korrezzjoni tal-formola adoperata fl-ordni maħruġa minnu tkun innotifikata lill-akkużat, ma ġġibx xi konsegwenza ta' nullita' tal-Ordni jew tal-proċedura – anke jekk il-Qorti li ħarġitu tkun ordnat in-notifika tiegħu u din ma tkunx saret u wisq anqas il-ġudikabbli jkun wieġeb.**

**25. Ir-raġuni hija li f'dak l-istadju, kwalunkwe risposta tal-ġudikabbli, proċeduralment ma twassal imkien. Ma hemm xejn li jżomm lill-Avukat Ġenerali mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha rifless fil-ħruġ tal-Ordni mill-mument tal-ħruġ tiegħu sal-eventwali għeluq tal-istruttorja jew sa' sebat ijiem mid-data tan-notifika lilu tal-att tal-akkuża.**

**26. Dan ukoll meta jitqies li skont l-istess artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti li lilha tkun intalbet il-korrezzjoni mhix obbligata li bilfors tisma' lill-partijiet, iżda tista' tagħżel li tisma' lill-partijiet meta meħtieġ. F'dan il-kuntest, ġaladarba l-Ordni huwa skrittura ossija att ġudizzjarju sui generis maħruġ mill-Avukat Ġenerali u li dwaru l-ġudikabbli ma għandux xi rimedju speċifiku għajr ħlief dak previst mill-Artikolu 22(2A)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-istadji opportuni, ma kienx hemm ħtieġa tassattiva fuq il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja li tordna wkoll in-notifika tar-rikors lill-imputat għar-risposta tiegħu, jew li ladarba dik il-Qorti għażlet li tordna n-notifika ta' dak ir-rikors, tara wkoll li dan jiġi notifikat u/jew imwieġeb skont il-każ. Dan peress li f'dak l-istadju kwalunkwe tweġiba tal-ġudikabbli kienet tkun inkonsegwenzjali."**

**11**. Illi jibda biex jingħad illi dak li l-akkużat, fl-eċċezzjoni minnu ventilata, isejjaħ "il-kunsens" ta'l-Avukat Ġenerali huwa fil-fatt l-Ordni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li fih ikun hemm d-deċiżjoni ta'l-Avukat Ġenerali jekk il-każ għandux jitmexxa bil-proċedura sommarja mill-Qorti tal-Maġistrati jew inkella jekk għandiex tinbeda il-kumpilazzjoni tal-provi w l-każ ikun istruwit bil-għan illi tinħareġ l-Att ta'l-Akkuża fejn imbagħad l-akkużat jiġi ipproċessat quddiem il-Qorti Superjuri, u ċioe' il-Qorti Kriminali - poteri kważi ġudizzjarji li jagħtu jedd lil Avukat

Ġenerali jiddeċiedi mhux jekk għandhomx jkunu mnehdija proċeduri kriminali kontra l-ġudikabbli, iżda li jiddeċiedi liema piena għandha tkun erogabbli f'kull każ, liema poter diskrezzjonali għandu jkun minnu eżerċitati fil-parametri imfassla fil-liġi fir-Raba Skeda tal-Kapitolu 101.

**12**. Issa, għalkemm l-appellant jikkontendi illi l-Ordni (u mhux il-kunsens) ta'l-Avukat Ġenerali maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kap.101 huwa difettuż u allura jikkonsegwi, fil-fehma tiegħu, illi l-proċeduri huma nulli, jibqa' l-fatt illi wara il-ħruġ ta'l-imsemmi Ordni bdiet il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja u ma ġewx imnehdija xi proċeduri quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali, b'dik il-qorti allura kienet tkun kompetenti tiddeċiedi il-każ. Il-kumpilazzjoni saret skont il-liġi, bl-Istruttur saħansitra jagħti d-deċiżjoni tiegħu fit-termini ta'l-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali dwar jekk kienx hemm biżżejjed provi *prima facie* miġjuba quddiemha sabiex l-Avukat Ġenerali jkun jista' joħroġ l-Att ta'l-Akkuża, u wara dan l-Avukat Ġenerali baqa' jibgħat, fit-terminu lilu konċess, diversi rinviji, skont id-dispost ta'l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali, sakemm fl-aħħar ħareġ l-Att ta'l-Akkuża, sabiex b'hekk ma kellu jkun hemm ebda dubbju dwar id-deċizjoni ta'l-Avukat Ġenerali illi l-akkużat ikun ipproċessat quddiem il-Qorti Kriminali għall-akkużi lilu addebitati. Illi l-akkużat, allura imputat, baxxa rasu għal din il-kompetenza kumpilatorja tal-Qorti tal-Maġistrati mingħajr ma issindika l-validita' tal-proċeduri li kienu għaddejjin.

**13**. Illi esposti dawn il-fatti probatorji, il-Qorti mal-ewwel tafferma illi taderixxi ruħha totalment mal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti Kriminali dwar dan l-ilment imqanqal mill-appellant, konsiderazzjonijiet li huma ineċċepibbli u li jirrispekkjaw, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ħsieb tal-leġislatur meta afda f'idejn l-Avukat Ġenerali l-poter deċiżjonali dwar liema qorti għandha tkun adita bis-smigħ ta' kawża imressqa fit-termini tal-Kapitolu 101, u ukoll il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-Ordni ta'l-Avukat Ġenerali iservi biex tingħata direzzjoni lil Qorti tal-Maġistrati dwar x'funzjoni għandha tassumi, jekk hux dik istruttorja tal-kumpilazzjoni, jew inkella ta' ġudikatura kriminali.

Il-ħruġ ta' dan l-Ordni għalhekk ma għandux l-istess funzjoni ta' dak l-Ordni li huwa meħtieġ taħt xi liġijiet speċjali penali sabiex ikunu mnehdija l-proceduri u li mingħajru dawk il-proċeduri ma jistgħux jimxu 'il quddiem. Tant hu hekk illi kif tajjeb irrimarkat il-Qorti Kriminali, mat-tmiem tal-kumpilazzjoni il-persuna akkużata għandha d-dritt tissindika dik id-deċizjoni fit-termini ta'l-artikolu 22(2A)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-Qorti Kriminali allura għandha l-poter tiddeċiedi illi l-każ kontra l-ġudikabbli, fuq talba tiegħu stess, jinstema' u jkun deċiż quddiem l-Qorti tal-Maġistrati fil-funzjoni tagħha ta' ġudikatura kriminali, u mhux bil-ġuri.

**14**. Fil-fatt l-appellant stess jikkonċedi illi dan l-Ordni, li jinħareġ fil-bidu tal-proċeduri, għandu bħala l-għan tiegħu li jagħti direzzjoni lil Qorti tal-Maġistrati kif għandha tirregola ruħha u ċioe' sabiex tara jekk tipproċediex bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew bħala Qorti Istruttorja[4]. Jibqa' jinsisti allura illi l-Ordni kif inħareġ, li jindika li huwa kellu "***jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Kriminali***", minflok "***jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali***" huwa difettuż għaliex ma jagħtix din id-direzzjoni.

**15.** Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-raġunament proprju għaliex, immaterjalment jekk dan llum jinsabx issanat bil-korrezzjoni li saret mill-Qorti Istruttorja fuq talba ta'l-Avukat Ġenerali, jibqa' il-fatt illi l-Ordni kif inħareġ serva biex ingħatat id-direzzjoni lil Qorti tal-Maġistrati, kif ingħad, billi bdiet il-kumpilazzjoni tal-provi quddiem dik il-Qorti bħala Qorti Istruttorja, bl-appellant, allura imputat, joqgħod għal dik il-kompetenza kumpilatorja tant illi l-Qorti tal-Maġistrati iddikjarat illi kien hemm biżżejjed provi biex huwa jitqiegħed taħt Att ta'l-Akkuża. Ma jidhirx minn eżami tal-atti kumpilatorji illi l-appellant, debitament assistit tul il-proċeduri, ikkontesta l-kompetenza tal-Qorti u l-għoti tad-digriet hekk imsejjaħ "tal-*prima facie*" għar-raġuni illi l-Ordni tal-

---

[4] Ara fol.2 tar-rikors tal-appell

Avukat Ġenerali ma kienx qed jagħti indikazzjoni lil dik il-Qorti illi hija għandha din il-kompetenza, iżda ħalla kollox għaddej[5].

**16.** Illi allura l-appellant ma għandux raġun meta jikkontesta li l-Ordni maħruġ mill-Avukat Ġenerali kien difettuż *ab initio* u li ma setax jkun issanat bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, reż applikabbli għal qrati ta' ġurisdizzjoni penali permezz tal-artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali. Dan għaliex għalkemm huwa minnu illi mill-atti proċesswali ma jidhirx illi saret in-notifika tat-talba ta'l-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2022 għal korrezzjoni lid-difensuri tal-appellant, kif kien ordnat mil-Qorti Istuttorja fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2022, għal liema seduta la deher l-appellant, għalkemm debitament notifikat, u lanqas id-difensuri tiegħu, madanakollu fil-jum li ngħata id-digriet u ċioe' fit-03 ta' Awwissu 2022, l-appellant kien preżenti u debitament assistit u mill-verbal ta' dik is-seduta ma jidhirx illi hu jew id-difensur tiegħu pprotestaw għal fatt illi ma kenitx saret in-notifika lilhom kif ordnat, jew inkella li qabel ma ngħata d-digriet saret xi talba mid-difiża biex iwieġbu għal dan ir-rikors.

**17.** Illi lanqas ma tista' taqbel din il-Qorti mal-fehma tal-appellant illi l-artikolu 175 tal-Kap.12 ma kienx applikabbli għall-Ordni ta'l-Avukat Ġenerali għaliex mhuwiex dak l-att ġudizzjarju li jitkellem dwaru din id-disposizzjoni tal-liġi, reż applikabbli għal proċeduri penali. L-iskop wara l-artikolu 175 huwa proprju sabiex jkun sanat kull difett fil-proċess ġudizzjarju bil-għan illi jiġi evitat ħafna ħela ta' ħin u riżorsi bil-proċeduri jridu jinstemgħu mill-ġdid. Illi id-diċitura ta'l-artikolu 175 huwa wiesgħa ferm li jinkorpora fih l-issanar ta' kull tip ta' żball li talvolta jista' jemerġi fl-*iter* proċesswali mhux biss sal-mument li tingħata is-sentenza, iżda li jsiru korrezzjonijiet anke fi stadju ta' appell saħansitra ukoll fis-sentenza appellata nnifisha. Illi allura ġaldarba l-leġislatur kien qed jagħti poter lil qrati li jissannaw kull żball mhux biss fl-atti ġudizzjarji, iżda saħansitra fis-sentenzi innifishom, *multo magis* allura l-artikolu 175 isib applikazzjoni fil-każ in

[5] Ara seduta tal-10 ta' April 2019 a fol.69 tal-atti kumpilatorji fejn ingħata id-digriet *prima facie*.

diżamina fejn kien qed jintalab korrezzjoni fl-Ordni tal-Avukat Ġenerali, liema korrezzjoni *del resto* saret qabel l-egħluq tal-kumpilazzjoni biex b'hekk il-jedd konċess lill-akkużat, llum appellant, fl-artikolu 22(2A)(b) tal-Kap.101 baqa' mhux mittiefes. Illi l-uniku eċċezzjoni li tista' titqajjem meta tintalab il-korrezzjoni fit-termini ta'l-artikolu 175 hija fis-sens illi is-sostituzzjoni jew tibdil mitlub ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża, ħaġa li żgur ma avveratx ruħha f'dan il-każ billi t-tibdil konċess la kellu xi impatt fuq is-sustanza ta'l-azzjoni u wisq anqas effettwa xi eċċezzjoni fil-mertu.

**18**. Għal dawn il-motivi għalhekk il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni sollevata mill-appellant, u l-aggravju minnu imqanqal marbut mal-istess qed ikun miċħud.

**19**. Illi mingħajr tlaqaliq l-Qorti tistqarr illi l-appellant lanqas ma għandu raġun fit-tieni aggravju minnu ventilat marbut mat-tieni eċċezzjoni mressqa minnu fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet u tqis anzi li dan l-aggravju, bl-eċċezzjoni wkoll, huma saħansitra vessatorji.

**20**. Fil-fehma tal-appellant l-eżamijiet forensiċi magħmula mill-espert xjenzat Gilbert Mercieca fuq id-droga misjuba allegatament fil-pussess tiegħu ma jlaħħqux il-grad ta' akkreditazzjoni internazzjonali li jitkellem dwaru l-Avviż Legali 121 tal-2002 sabiex b'hekk l-prova li qed tfittex biex tagħmel il-Prosekuzzjoni hija difettuża u kwindi inammissibbli. Dan għaliex l-proċess ta' akkreditazzjoni jammonta għal reviżjoni u verifika tal-kapaċità teknika ta' laboratorju li jiċċertifika l-kompetenza tiegħu biex iwettaq testijiet u analiżi speċifiċi u għalhekk in-nuqqas ta tali akkreditar ifisser, għall-appellant, illi qatt ma jista' jkun żgurat illi r-riżultanzi tal-analiżijiet forensiċi jilħqu il-livelli meħtieġa fil-liġi sabiex il-prova tkun waħda li tista' tistrieħ fuqha.

**21**. L-Avukat Ġenerali jilqa' għal dan l-aggravju meta jikkontendi illi d-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA trasposta fl-Avviż Legali 121 tal-2002 jipprovdi espressament illi

l-liġi regolanti l-akkreditazzjoni hija mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dritt dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza, oltre għal fatt illi din il-liġi ma ssibx applikazzjoni għal eżamijiet forensiċi li jsiru fuq sustanzi illeċiti.

**22**. Illi l-Qorti Kriminali kkonkludiet is-segwenti fir-rigward tal-eċċezzjoni sollevata mill-appellant, u dan wara li straħet fuq rassenja ta' ġurisprudenza in materja:

> **29. Il-Qorti tifhem li din l-eċċezzjoni l-akkużat qiegħed jibbażaha fuq dak preskritt fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2016 sabiex jirrifletti l-istandards proposti mill-Kunsill Ewropew fid-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA (iktar 'il quddiem imsejħa 'Deċiżjoni Kwadru') intiżi li joħolqu armonizzazzjoni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja fl-istandards li għandhom jiġu segwiti dwar l-analiżi f'laboratorju ta' evidenza forensika b'mod tali li r-riżultanzi forensiċi li jsiru f'laboratorju ta' Stat Membru jkunu jistgħu jiġu utilizzati bħala prova sikura u valida fi proċeduri penali f'kull Stat Membru ieħor. Dan l-istandard ikun jintlaħaq permezz tal-akkreditazzjoni tal-laboratorji skont l-istandard EN ISO/IEC 17025.**
>
> **30. L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru jirrestrinġi l-iskop tal-applikazzjoni tagħha għal dik l-evidenza forensika li taqa' f'waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji: (a) il-profil tad-DNA; u (b) data dattiloskopika.**
>
> **31. In oltre, fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru, hemm definizzjoni ta' dak li għandu jiġi kkunsidrat bħala l-profil tad-DNA u data dattiloskopika li ma tinkludix fiha wkoll sustanzi illeċiti jew traċċi tagħhom. B'hekk l-analiżi tas-sustanzi illeċiti ma tinkwadrax ruħha fl-iskop tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. ......**
>
> **36. Skont ma jirriżulta mill-atti proċesswali dawn il-proċeduri ilhom għaddejjin sa mis-16 ta' Marzu 2019 u l-analiżi tas-sustanzi illeċiti mill-espert forensiku Gilbert Mercieca saret nhar l-14 ta' Marzu 2019 skont ma jirriżulta minn foljo 28 tal-atti proċesswali. Din il-Qorti tirrileva li qatt qabel l-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari ma tqajjem dubju mid-Difiża tal-akkużat dwar l-kwalifiċi tal-espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti jew dwar il-ħiliet tiegħu u wisq anqas qatt ma ġew ikkontestati r-riżultanzi tar-rapport tiegħu jew il-livell ta' professjonalita u kompetenza tal-laboratorju li fih ħadem. Dan allavolja l-Leġislazzjoni Sussidjarja li l-akkużat jagħmel referenza għaliha kienet diġa daħlet fis-seħħ meta nbdew il-proċeduri kontra l-akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.**

> **37. In oltre, sal-ġurnata ta' din is-sentenza ma jirriżultax li hemm obbligu fuq Malta sabiex it-testijiet fuq sustanzi illeċiti jsiru ġewwa laboratorji akkreditati skont id-Deċiżjoni Kwadru b'hekk ikun ifisser li tali testijiet u konklużjonijiet ma jistgħux jiġu meqjusa bħala difettużi.**

**23**. Illi anke hawn din il-Qorti hija konkordi mal-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali. Iżżid ukoll illi għalkemm huwa minnu illi ċertifikazzjoni dwar akkreditazzjoni huwa il-kejl li bih jista' jkun stabbilit illi laboratorju huwa kompetenti, madanakollu n-nuqqas ta' akkreditazzjoni ma jxejjinx awtomatikament l-evidenza miksuba. Illi tali apprezzament dwar is-saħħa probatorja ta' din l-evidenza għandha ssir unikament waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri għaliex huwa f'dak l-istadju illi din l-evidenza tinġieb 'il quddiem għall-konsiderazzjoni tal-ġurati u huwa biss f'dak l-istadju, allura, illi mix-xiehda tal-espert jista' jkun stabbilit jekk din l-evidenza setatx tkun ikkontaminata minħabba xi tagħmir inadegwat jew nuqassijiet fil-proċess utilizzat biex isiru l-eżamijiet forensiċi. Illi l-liġi tipprovdi salvagwardja f'dan is-sens fl-artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm dispost illi *"min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu."*

**24**. Illi magħdud dan, għalkemm f'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax tinoltra ruħha f'eżami tal-evidenza billi dan l-eżerċizzju għandu jkun imħolli f'idejn il-ġurija, madanakollu ma tistax ma tirrimarkax illi kellu jkun evidenti għall-akkużat, llum appellant, minn eżami sempliċi tar-rapport tal-espert Gilbert Mercieca illi f'dan il-każ l-eżamijiet forensiċi fuq id-droga, għalkemm mhux meħtieġ skont il-liġi, **saret mill-espert f'laboratorju akkreditat** u ċioe' mill-*BioDNA Laboratory Services* fejn fis-sit uffiċjali tal-laboratorju hemm hekk indikat:

> ***BioDNA Laboratory Services Ltd.*** *is an ISO/EC 17025 accredited biotechnology company that offers a variety of testing solutions. Our testing portfolio branches into DNA testing, food and water microbiology, environmental testing, drug analysis and Toxicology.* [6]

[6] https://www.biodna.net/biodna-laboratories

**25**. Mhux biss iżda fir-rapport eżebit fl-atti kumpilatorji a fol.213 et seq., hemm indikat mill-espert stess illi huwa kiseb ċertifikati ta' taħriġ speċjalizzat skont l-ISO17025, kif ukoll a fol. 12 tar-rapport hemm hekk indikat testwalment:

> **"Il-proċeduri kollha mwettqa matul l-analiżi tal-kampjun huma konformi mal-standard operating procedures ta' BioDNA Ltd."**

Dan ifisser illi l-**appellant ma kellu jkollu ebda dubbju illi l-eżamijiet forensiċi saru ġewwa laboratorju akkreditat** sabiex b'hekk l-eċċezzjoni minnu sollevata hija mhux biss frivola iżda ukoll vessatorja.

**26**. Finalment, il-Qorti terġa ittenni illi kemm id-Deċiżjoni Kwadru kif ukoll il-Leġislazzjoni Sussidjarji, fejn id-dritt ewropew kien tramandat fil-leġislazzjoni nazzjonali, jagħmulha ċara illi ir-regolamenti japplikaw biss għall-eżamijiet dattiloskopiċi u tad-DNA, u fuq kollox illi dawn ir-regoli u regolamenti ma jistgħu qatt ikollhom piż fuq l-evalwazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza li ssir fil-qorti, kif sewwa mistqarr mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha. Dan għaliex l-għan wara l-liġi finalment huwa sabiex jgħin biex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-laboratorji u korpi oħra billi jiġġenera aċċettazzjoni wiesgħa tar-riżultati bejn l-Istati Membri. Ir-rapporti tat-test u ċ-ċertifikati jistgħu jiġu aċċettati minn pajjiż għall-ieħor mingħajr il-ħtieġa għal aktar ittestjar, sabiex tintlaħaq dik il-koperazzjoni meħtieġa fil-ġlieda kontra l-kriminalita' fuq livell internazzjonali bil-għan li ssir l-identifikazzjoni komuni tal-persuni involuti fit-twettiq ta' tali reati u ta'l-vittmi tagħhom. Tant hu hekk illi id-Deċiżjoni Kwadru għandu l-għan jtejjeb il-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali kif jixhed it-titolu stess ta' din il-liġi.

**27.** Illi allura, mhux biss l-eżami forensiku fuq is-sustanzi illeċiti jaqa' 'il barra mill-iskop ta' din il-liġi, iżda f'dan il-każ l-ilment lanqas ma jista' jkun ġustifikat mill-aspett fattwali billi l-eżamijiet fil-fatt saru ġewwa laboratorju akkreditat u minn espert li irċeva taħriġ in linja ma' dan l-i*standards* ta' akkreditazzjoni internazzjonali, liema fatt jista' jiġi

kkonfermat quddiem il-ġurija waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Għaldaqstant għal dawn il-motivi kollha dan l-aggravju ukoll qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali sabiex ikompli is-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**